# KANNI - KANNIZZATI..·?!

Ta' Pawlu Aquilina

Kannizzati...
Kannizzati...
Masġar sħiħ ta' kannizzati
Fuq il-bjut,
Qatt ma jonfħu dawk għakieskom?
Qatt ma tarmu?
Qatt ma tħaddru?
Qatt ma tilbsu ġmiel il-weraq
U troddulna
Ġewwa djarna
Fuq il-mejda
L-oħla benna tal-għanqud?

Kannizzati...
Kannizzati...
Għadam biss ta' kannizzati
Kif sraqtulna l-ġmiel ta' dari
Minn fuq bjutna!
Kemm il-qalb il-bieraħ sabet
Hena u faraġ
Taħt il-ħdura tar-rebbiegħa-
Timla tneffaħ dawk l-egħnieqed
Imqabbdin ma' sider ommhom
Li taf ruħha,
Li taf demmha
Lil din l-art li nafu b'ommna...

Kannizzati...
Kiesaħ silġ jew ġamra nar
Li sraqtulna ta' ġo l-għenba
L-oħla benna,
Tisquniex mibegħda u għira
Hemm u dmija,
Xorb l-imrar!
Għax jekk demmkom jisfa mħassar
Tagħna semm isir
Ukoll!